MINUTI

KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SEBGĦA

15 ta' Diċembru, 2014

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Marylyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

UFFIĊĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppesieda l-laqgħa.

7.1 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

7.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa jekk kienx hemm xi risposta fuq il-każ ta' Triq Dun Nard Mallia mingħand il-Kuntrattur.

Is-Segretarju wieġbet fin-negattiv u infurmat li ser terġa tikkuntatjah.

7.1.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija f'Bubaqra, tlesta. Hu żied jgħid li ċ-Chairperson qal li x-xogħol beda u qed jiġi rranġat ukoll id-dawl ta' quddiem l-istatwa.

7.1.3 Id-dawl tal-Milied f'Bubaqra inxtel imma mhux qed jitħaddmu bil-muturi. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja fuqhom.

7.1.4 Kien hemm qbil unanimu li jekk il-kartolini tal-Milied ma jitqassmux sa din il-ġimgħa, il-Kumitat Amministrattiv ma jħallas tax-xogħol li jkun sar.

7.1.5 Ġew approvati l-minuti tas-sitt seduta ta' din il-leġislatura.

*7.2 Party tat-Tfal tal-Milied*

7.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-proċess tal-party tat-tfal għadu mhux lest kollu. Ir-rigali li ser jinxtraw għat-tfal ser ikunu kotba u ser jitqassmu skont l-etajiet.

*7.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi*

7.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li x-xogħol fi Triq it-Torri (il-parti ta' bejn Triq Fra Gan Marie Zammit u Vjal l-Indipendenza) jista jinbeda. Minħabba li qabel xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq jinvolvi permessi minn diversi entitajiet. L-ewwel ser jibda l-proċess tal-permess u hekk kif ikun ikkonfermat kollox ikun jista jibda x-xogħol.

7.3.2 Il-membru Kevin Sam Farrugia informa li hemm bozza maqtugħa fi Triq Bubaqra u li bollard ta' informazzjoni fejn il-Kappella tinsab imkissra.

Kien hemm qbil li jiġu rrappurtati ż-żewġ każijiet.

7.3.3 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri infurmat li għalkemm tqassmu l-ittri lir-residenti tal-akwata ta' Triq il-Qiegħa biex iżommu l-iskart tagħhom wara r-residenza tagħhom, xorta għad fadal nies li jpoġġuh viċin art vojta, bil-konsegwenza li qed iqattugħ il-qtates.

*7.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss*

7.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-7.15pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 12ta' Jannar, 2015 fis-5.30pm.

Konfermati, illum ___ ta' Jannar, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**